


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Assikurazzjoni Tal-assi Waqt Klejm Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Hungary](#)

# Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE

 Ungerija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

L-Att CXXX tal-2016 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jistipula żewġ tipi ta' miżuri ġuridiċi biex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni ta' talba kkontestata: mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u eżekuzzjoni proviżorja, li jipprovdu protezzjoni qabel deċiżjoni finali tal-qorti. Hemm ukoll miżuri kawtelatorji kif previst mill-Att LIII tal-1994 dwar l-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

Mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jista' jintalab matul il-proċedimenti u qabel ma jiġi ppreżentat ir-rikors promotur. Il-qorti teżamina talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jekk il-fażi preparatorja tal-proċedimenti tkun tista' titwettaq fuq il-bażi tar-rikors promotur. Il-qorti trid tiddeċiedi dwar talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju b'urġenza u trid tiegħu miżuri mingħajr dewmien, fi żmien mhux aktar minn tmint ijiem. Fid-deċiżjoni tagħha, il-qorti trid teżamina jekk il-miżuri jikkawżawx żvantaġġ ikbar lill-parti opposta minn dak li kieku kienet isofri l-parti li qed titlob il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, u trid tqis ukoll il-possibbiltà li tkun meħtieġa garanzija. Il-qorti tippermetti lill-parti opposta twieġeb għat-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Il-qorti tistieden lill-partijiet jesprimu l-pożizzjonijiet tagħhom dwar it-talba bil-mod li tħoss li jkun l-aktar xieraq. Hija tista' tordna s-smiġħ tal-partijiet jekk issib li jkun meħtieġ għall-eżami tat-talba, b'mod partikolari meta jkollha tiddeċiedi dwar l-għoti ta' garanzija. Il-partijiet li jonqsu milli jżommu mal-iskadenza stabbilita għas-seduta ta' smiġħ ma jistgħux jippreżentaw talba għal estensjoni. Meta tittieħed deċiżjoni dwar mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, il-provi jistgħu jinġabru biss jekk ma jkunx possibbli li l-mertu tat-talba jiġi eżaminat mingħajrhom. Il-qorti tista' wkoll tiġbor kull prova meħtieġa matul il-fażi preparatorja tal-proċedimenti. Il-qorti tiddeċiedi dwar talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju permezz ta' digriet, li jista' jiġi appellat separatament. Il-qorti tista' tibdel id-digriet hi stess wara li ssir it-talba. Id-digriet dwar il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju huwa eżegwibbli b'mod provviżorju. Sakemm il-qorti ma tordnax mod ieħor, it-terminu għall-konformità mad-digriet jibda mill-għada li jiġi nnotifikat bil-miktub. Id-digriet jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi rrevokat mill-qorti permezz ta' digriet mogħti wara talba minn waħda mill-partijiet, wara li tkun semgħet lill-parti l-oħra, jew fis-sentenza tagħha jew f'deċiżjoni oħra li tagħlaq il-proċedimenti. Jekk id-deċiżjoni dwar il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ma tiġix irrevokata mill-qorti fis-sentenza jew b'deċiżjoni li tagħlaq il-proċedimenti, tiffekt l-effett tagħha ladarba s-sentenza tal-ewwel istanza ssir finali. Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jiskadi jekk il-proċedimenti jintemmu jew ma jitkomplewx wara li jiġu sospiżi. Il-qorti trid tistabbilixxi dan il-fatt fid-digriet tagħha li jtemm il-proċedimenti jew li jstabbilixxi t-tmiem tal-proċedimenti. L-effett tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ma jiġix affettwat mill-interruzzjoni jew mis-sospensjoni tal-proċedimenti.

Talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju tista' tiġi ppreżentata qabel ir-rikors promotur jekk ir-rikorrent juri li d-dewmien ikkawżat mill-preżentazzjoni tar-rikors wara l-ftuħ tal-proċedimenti x'aktarx li jfikkell l-għan tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju trid tiġi ppreżentata lill-qorti kompetenti b'ġurisdizzjoni fuq il-proċedimenti. Jekk iktar minn qorti waħda jkollha ġurisdizzjoni territorjali fuq il-

proċedimenti, ir-rikors jista' jiġi ppreżentat quddiem kwalunkwe waħda minn dawk il-qorti. Il-qorti magħżula jkollha l-ġuriżdizzjoni esklussiva fuq il-proċedimenti li jkunu se jinfetħu. Ir-regoli ġenerali tal-proċedura ċivili japplikaw għar-rappreżentanza legali obbligatorja fil-proċedimenti. Il-qorti tisma' t-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju bi prijorità. Fid-deċiżjoni tagħha fejn tordna mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, il-qorti tiffissa terminu għall-ftuħ tal-proċedimenti, li ma jistax ikun itwal minn ħamsa u erbgħin jum wara n-notifika tad-deċiżjoni. Jekk il-proċedimenti ma jinfetħux fit-terminu stabbilit mill-qorti, jew jekk, fi żmien tmint ijiem mill-iskadenza tat-terminu, ir-rikorrent jonqos milli jagħti prova lill-qorti li ordnat il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju li fetaħ il-proċedimenti, il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jiskadi, b'digriet ta' dik il-qorti, l-għada li jintemm it-terminu għall-ftuħ tal-proċedimenti. Jekk jinfetħu l-proċedimenti, mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ordnat qabel il-preżentata tar-rikors promotur jibqa' effettiv sakemm jiġi rrevokat jew, jekk ikun il-każ, sakemm issir finali s-sentenza fl-ewwel istanza. Jekk ir-rikors promotur jiġi ppreżentat fit-terminu stabbilit, iżda jiġi miċħud mill-qorti, il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jibqa' effettiv sal-iskadenza tal-effetti legali tal-ftuħ tal-proċedimenti.

Il-qorti tiddeċiedi dwar eżekuzzjoni provviżorja fid-deċiżjoni tagħha fl-ewwel istanza.

Il-qorti trid tiddeċiedi dwar miżuri kawtelatorji b'urġenza - fi żmien mhux aktar minn tmint ijiem - u tibgħat l-ordni għal miżura kawtelatorja mingħajr dewmien lill-marixxall tal-qorti, li jibda l-eżekuzzjoni immedjatement. Appell kontra digriet tal-qorti għal miżura kawtelatorja ma għandux effett sospensiv.

Tista' tintalab ukoll Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet bħala miżura kawtelatorja, anki qabel ma l-kreditur jiftaħ il-proċedimenti dwar il-mertu tal-kawża. F'dan il-każ, il-proċedimenti dwar il-mertu tal-kawża iridu jinfetħu fi żmien qasir.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Jekk tintalab il-qorti tista' tordna mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju sabiex tipprevjeni kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni kurrenti jekk ikun impossibbli li terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni oriġinali sussegwentement, jew sabiex tiġi evitata l-frustrazzjoni tal-eżerċizzju sussegwenti tad-drittijiet tar-rikorrent, jew biex jiġi evitat kwalunkwe żvantaġġ imminenti għar-rikorrent, jew għal kwalunkwe raġuni oħra li jistħoqqilha konsiderazzjoni speċjali. Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jista' jimponi obbligu li jitwettaq att li r-rikorrent ikun intitolat li jitlob bis-saħħa tad-dritt li jrid jiġi eżegwit fil-proċedimenti. Fil-każijiet meta l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ikunu ġew issodisfati, it-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju tista' tiġi ppreżentata qabel ir-rikors promotur jekk ir-rikorrent juri li d-dewmien ikkawżat mill-preżentazzjoni tar-rikors wara l-ftuħ tal-proċedimenti x'aktarx li jfikkell l-għan tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. It-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jrid ikollha referenza għat-tweqqif tal-kundizzjoni li tagħti lok għall-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u trid tippreżenta u tissostanzja l-fatti li jsostnu li dik il-kundizzjoni ġiet issodisfata. Ir-rikorrent irid ikun speċifiku dwar il-kontenut tal-miżuri mitluba. Jekk it-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju tiġi ppreżentata qabel ir-rikors promotur, ir-rikorrent irid jipprovd i wkoll id-*data* neċessarja biex tiġi ddeterminata l-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tinbeda l-proċedura. Id-dritt li jrid jiġi eżegwit fil-proċedimenti jrid jiġi speċifikat ukoll. Il-qorti tagħmel il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju suġġett għall-għoti ta' garanzija jekk il-parti opposta turi l-probabbiltà li ssofri żvantaġġ li jirriżulta mill-miżuri mitluba b'tali mod li tagħti lok għal talba għad-danni jew għotja ta' restituzzjoni kontra r-rikorrent jekk il-parti opposta tirbaħ il-każ. Meta tiddeċiedi dwar l-għoti ta' garanzija, il-qorti trid tqis il-grad ta' probabbiltà tal-fatti li jsostnu r-rikors. Jekk l-iżvantaġġ ma jkunx sinifikanti, il-qorti ma għandhiex tordna li tingħata garanzija. Il-qorti tordna l-għoti ta' garanzija f'żewġ każijiet: meta l-parti opposta titlob għaliha u tkun tista' turi l-probabbiltà li ssofri żvantaġġ li jikkorrispondi għall-garanzija mitluba; meta tkun offruta mir-rikorrent u aċċettata mill-parti opposta. Fl-ewwel każ, l-ammont tal-garanzija jikkorrispondi għall-iżvantaġġ probabbli indikat mill-parti opposta. Fit-tieni każ, ikun l-ammont offrut mir-rikorrent u aċċettat mill-parti opposta. Jekk r-rikorrent joffri ammont speċifiku bħala garanzija, il-qorti tistieden lill-parti opposta taċċettaha f'dikjarazzjoni separata b'urġenza. L-aċċettazzjoni tal-ammont ta' garanzija ma tikkostitwix rikonoxximent tal-fatti ppreżentati bħala l-bażi għall-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. L-għoti ta' garanzija jinvolvi li d-depożitu l-qorti ta', b'mod partikolari, flus, titoli, sostituti tal-flus jew, fil-każ ta' garanzija bankarja, id-dikjarazzjoni tal-garanzija. Sentenza trid tiġi ddikjarata eżegwibbli irrispettivament minn jekk ikunx hemm appell jekk timponi kwalunkwe wieħed mill-obbligi li ġejjin: l-għoti ta' ħlas ta' manteniment, annwalità jew servizz perjodiku ieħor għall-istess skop; il-waqfien ta' dħul fi proprjetà privata; il-ħlas ta' pretensjoni aċċettata mill-intimat; il-ħlas ta' flus fuq il-bażi ta' obbligu li sar f'att pubbliku jew f'kuntratt privat ta' valur probatorju sħiħ jekk iċ-ċirkustanzi sottostanti jkunu ppruvati b'dawk id-dokumenti; u obbligi mhux monetarji oħra meta l-eżekuzzjoni ttardjata tikkawża dannu serju sproporzjonat lir-rikorrent jew dannu li jkun diffiċli li jiġi ddeterminat u li r-rikorrent ikun ipprovdta garanzija adegwata għaliha. Il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tilqax talba għal eżekuzzjoni provviżorja jekk il-piż impost fuq il-

parti mill-eżekuzzjoni tkun sproporzjonatament agħar mill-piż impost fuq il-parti l-oħra billi ma tintlaqgħalhiex it-talba għal eżekuzzjoni provviżorja. L-intimat irid jippreżenta talba għal dan l-għan qabel ma tingħalaq is-seduta. Il-qorti tista' tiddikjara s-sentenza eżegwibbli parzjalment sa fejn possibbli fiċ-ċirkostanzi. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-qorti tista' tirrifjuta li tiddikjara s-sentenza eżegwibbli provviżorjament fir-rigward tal-elementi li jkunu diġà tilfu r-rilevanza tagħhom sakemm tkun inqatgħet is-sentenza. L-eżekuzzjoni provviżorja ma tkoprix l-ispejjeż tal-proċedimenti, id-drittijiet proċedurali mhux imħallsin u l-ispejjeż imħallsin mill-Istat.

Jekk id-dokument li jimplementa deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' pretensjoni ma jkunx jista' jinħareġ imma l-parti li titlob l-eżekuzzjoni turi li hemm riskju plawżibbli li l-pretensjoni ma tkunx tista' tiġi ssodisfata aktar 'il quddiem, il-qorti tista' tissekwestra l-fondi pretiżi jew tordna l-qbid ta' ċerti oġġetti fuq talba ta' dik il-parti f'forma ta' miżura kawtelatorja. Il-qorti tista' tordna miżura kawtelatorja, pereżempju, jekk it-talba tiddependi minn deċiżjoni li d-dokument tal-eżekuzzjoni jkun jista' jinħareġ fuq il-bażi tagħha imma d-deċiżjoni tkun għadha ma saritx definittiva jew ma tkunx eżegwibbli provviżorjament, jew tkun definittiva imma t-terminu iffissat għall-eżekuzzjoni tagħha jkun għadu ma skadiex. Jista' jkun hemm ukoll miżuri kawtelatorji fir-rigward ta' talbiet imressqa quddiem qorti domestika permezz ta' talba skont il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-proprjetà matrimonjali jew il-protezzjoni ta' privattivi, il-mudelli ta' utilità, it-topografiji ta' prodotti semikondutturi, il-varjetajiet tal-pjanti, it-trademarks, id-disinjati u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, jew iċ-ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni, jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, jew skont l-Artikoli 4 u 6 tal-Att LVII tal-1996 dwar il-projbizzjoni ta' prattiki tas-suq inġusti u restrittivi, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-liġijiet applikabbli, jew permezz ta' kwalunkwe talba oħra, li tissostanzja l-oriġini, il-valur u l-iskadenza tat-talba permezz ta' strument pubbliku jew strument privat b'forza probatorja sħiħa ppreżentata fl-istess ħin.

Bħala miżura kawtelatorja tista' tintalab Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet bl-użu tal-formola stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, il-qorti tordna li jitwettqu l-azzjonijiet mitluba f'talba jew rikors għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Dan jista' jinvolvi kwalunkwe pretensjoni jew proprjetà speċifikata fir-rikors. Nuqqas ta' osservanza ta' ordni ġudizzjarju fuq bażi volontarja twassal għall-eżekuzzjoni. Minn dan il-mument 'il quddiem, proprjetà li tkun eżenti minn miżuri ta' eżekuzzjoni tiġi identifikata fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni dwar l-eżekuzzjoni.

Eżekuzzjoni provviżorja tfisser l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' sentenza mhux finali mogħtija minn qorti tal-ewwel istanza. Kull proprjetà tal-intimat tista' tkun suġġetta għall-eżekuzzjoni sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni mil-leġiżlazzjoni dwar l-eżekuzzjoni.

Fil-qafas ta' miżura kawtelatorja, ċerti oġġetti jistgħu jiġu maq'buda jew fondi jistgħu jiġu sekwestrati b'ordni ġudizzjarju. Fil-każ ta' ordni ġudizzjarju biex jiġu sekwestrati fondi għal pretensjoni, il-marixxall tal-qorti jgħaddi l-ordni lid-debitur fil-post, fl-istess ħin li jordnalu jħallas l-ammont rilevanti mingħajr dewmien direttament lill-marixxall. Jekk id-debitur ma jikkonformax, il-marixxall jista' jaqbad kwalunkwe beni tad-debitur u jiffriżalu l-kontijiet; madankollu, il-pagi u l-benefiċċji tad-debitur jistgħu jiġu ffriżati biss jekk id-debitur ma jkollu l-ebda proprjetà oħra li tista' tkun suġġetta għall-eżekuzzjoni biex ikunu koperti l-fondi pretiżi. Mandati ta' qbid ta' ċerti oġġetti jistgħu jestendu għal kull proprjetà mobbli jew proprjetà li jkollha valur.

Fi proċedimenti għall-ħruġ ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, tista' tiġi ppreżentata talba biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kontijiet, li abbażi tagħha l-awtorità kompetenti tipprova tikseb id-*data* tal-kontijiet tad-debitur mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu dawk il-kontijiet.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u eżekuzzjoni provviżorja, id-debitur irid jirrispetta l-ordni tal-qorti. Jistgħu jinfetħu proċedimenti għall-eżekuzzjoni kontra d-debitur ibbażati fuq l-ordni.

Hemm żewġ tipi ta' miżuri kawtelatorji b'effetti differenti. Fil-każ ta' miżuri ta' qbid ta' fondi għal pretensjoni, id-debitur irid jgħaddi ammont speċifiku lill-marixxall. Jekk dan ma jsirx, il-marixxall jeżegwixxi l-miżura billi jaqbad il-proprjetà jew jiffriża l-kont tad-debitur sa valur ugwali għall-ammont pretiż. Il-fondi miġbura mingħand id-

debitur jew waqt il-proċedimenti ma jistgħux jitħallew għad-dispożizzjoni tal-parti li titlob l-eżekuzzjoni. Minflok, huma jinżammu f'kont ta' depożitu mill-awtorità eżekuttiva. Meta oġġett ikun sekwestrat, ikun maqbud fil-prinċipju, fis-sens li d-debitur jista' jkompli jużah imma ma jkunx liberu li jiddisponi minnu. L-oġġetti jistgħu barra minn hekk jinżammu taħt detenzjoni uffiċjali. F'dan il-każ, ikunu fiżikament imsakkra mill-marixxall jew ġestiti minn riċevitur.

### 3.3 X'inhi l-validità ta' dawn il-miżuri?

Ordni tal-qorti għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju tibqa' effettiva sakemm tiġi rtirata jew, skont il-każ, sakemm is-sentenza fl-ewwel istanza ssir finali. Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jiskadi jekk il-proċedimenti jintemmu jew ma jtkomplewx wara li jiġu sospiżi. Il-qorti trid tistabbilixxi dan il-fatt fid-digriet tagħha li jtemm il-proċedimenti jew li jstabbilixxi t-tmiem tal-proċedimenti. L-effett tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ma jiġix affettwat mill-interruzzjoni jew mis-sospensjoni tal-proċedimenti.

Eżekuzzjoni proviżorja tfisser eżekuzzjoni tal-obbligu stabbilit f'sentenza tal-qorti qabel ma ssir finali, irrispettivament mill-appelli. Din il-miżura, għalhekk, ma għandha l-ebda limitu ta' żmien.

Miżuri kawtelatorji jibqgħu fis-seħħ sakemm tinħareġ ordni għall-eżekuzzjoni tal-pretensjoni jew sakemm il-qorti tiddeċiedi li ttemm il-miżura kawtelatorja.

## 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Hemm il-possibiltà li jiġi ppreżentat appell separat kontra l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Ir-regoli ġenerali japplikaw għall-preżentazzjoni ta' appelli bħal dawn. Il-limitu ta' żmien għall-preżentata ta' appell huwa ta' 15-il jum. L-appell irid jitressaq fl-istess qorti li tat id-deċiżjoni. Jekk l-appell ikun fondat, il-qorti tirtira l-ordni tagħha għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Inkella, wara talba, jew *ex officio* jekk ir-rikorrent inaqqas it-talba, il-qorti tista' tibdel l-ordni hija stess.

Il-qorti hija obbligata li tordna eżekuzzjoni proviżorja fil-każijiet speċifikati mil-liġi. Parti tista' titlob lill-qorti biex ma tordnax l-eżekuzzjoni proviżorja f'każijiet fejn timponi piż sproporzjonat kbir fuq dik il-parti. It-talba trid tiġi ppreżentata fil-qorti li tkun qed tisma' l-kawża.

L-ordni għal miżura kawtelatorja tista' tiġi appellata fil-qorti li tkun qed tisma' l-kawża. Dan, madankollu, ma għandux effett sospensiv fuq l-eżekuzzjoni tagħha. Il-partijiet jistgħu jippreżentaw appell fi żmien 15-il jum mit-tħabbir tal-ordni.

It-talba għal rimedju kontra Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet jew l-eżekuzzjoni tagħha trid tiġi ppreżentata fil-qorti li qed tisma' l-kawża. Ir-regoli ġenerali japplikaw għall-appell kontra deċiżjoni dwar rimedju.

---

L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.